## It-Tlieta

**It-II ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

### INNU

1.
Jum ta' dejjem mingħajr għabex,
id-dawl tiegħek qatt ma jonqos;
dlam u lejl imbiegħda minnek,
int li ħlaqt id-dawl fil-bidu.

2.
Diġà bjad fil-lvant ix-xefaq,
beda juri l-jum li riesaq,
u, bil-kewkba ta' filgħodu,
sfaru w għebu l-kwiekeb l-oħra.

3.
O Mulej, ħallejna friexna
bla tnikkir, ħa nsebbħu lilek,
inroddulek ħajr għax tajtna
dal-jum ġdid, għall-glorja t'ismek.

4.
Tħalliniex inkunu mqarrqa
minn sbuħit ix-xemx li tidher,
imma għinna biex nixtiequ
lilek waħdek, Xemx tas-sewwa.

5.
Itfi fina n-nar tal-korla,
rażżan l-ikel u x-xorb żejjed,
żommna lkoll matul ħidmietna
f'għaqda miegħek u bejnietna.

6.
Hekk, qawwija w sħaħ fil-fehma,
b'qalb nadifa f'ġisem safi,
nistgħu ngħaddu dil-ġurnata
b'fedeltà ma' Kristu Sidna.

7.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

## SALMODIJA

Ant. 1 Mulej, ibgħat id-dawl tiegħek u s-sewwa tiegħek.
L-Għid: Intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u l-belt ta' Alla l-ħaj, hallelujah.

## Salm 42 (43)

Agħmel ħaqq minni int, Mulej, †
u min-nies bla tjieba ddefendi l-kawża tiegħi; *
min-nies qarrieqa u ħżiena eħlisni.
Inti l-kenn tiegħi, o Alla;
għaliex warrabtni? *
Għax għandi ngħix imdejjaq
taħt it-tgħakkis ta' l-għadu? –

Ibgħat id-dawl tiegħek u s-sewwa tiegħek: †
huma jmexxuni; *
iwassluni sa l-għolja mqaddsa tiegħek,
u sa l-għerejjex tiegħek.
U nidħol ħdejn l-artal ta' Alla, *
ħdejn Alla, ferħ u hena tiegħi.
U nroddlok ħajr biċ-ċetra, *
Mulej, Alla tiegħi.

Għaliex tintelaq, ruħ tiegħi, *
titħawwad ġewwa fija?
Ittama f'Alla, għax jien nibqa' nfaħħru; *
hu l-għajnuna tiegħi u Alla tiegħi!

Ant. Mulej, ibgħat id-dawl tiegħek u s-sewwa tiegħek.
Ant. 2 Salvana, Mulej, il-jiem kollha ta' ħajjitna.
L-Għid: Mulej, int salvajtli ħajti mill-qerda, hallelujah.

## Kantiku (Is 38,10-14.17-20)

Jien għedt: "Sejjer, f'nofs il-medda ta' ħajti; *
nitqiegħed f'bibien l-imwiet għall-bqija ta' snini!"

Jien għedt: "M'iniex se nara l-Mulej *
f'art il-ħajjin;
ma nara b'għajnejja 'l ħadd iżjed *
minn fost dawk li jgħammru fid-dinja!"

Tneħħietli l-għamara tiegħi †
u ġiet imwarrba minni, *
bħal għarix ta' ragħaj.
Kebbibtli ħajti, †
kif jagħmel nissieġ biex jaqta' min-newl. *
Lejl u nhar inti fnejtni.

Bqajt ngħajjat sa sbiħ il-jum: †
bħal iljun il-Mulej kissirli għadmi, *
Lejl u nhar inti fnejtni.

Bħal ħuttafa npespes, bħal ħamiema nokrob; *
għajnejja mbikkija jħarsu 'l fuq.
Int salvajtli ħajti mill-ħofra tal-qerda; *
int xħett wara spallejk ħtijieti kollha. –

Ma jfaħħrukx l-imwiet, *
anqas il-mewt ma ssebbħek.
Fil-fedeltà tiegħek ma jittamawx aktar *
dawk li jinżlu fil-qabar.

Min hu ħaj iroddlok ħajr bħali llum; *
il-missier jgħarraf lil uliedu l-fedeltà tiegħek.

Salvana, Mulej, u aħna ndoqqu ċ-ċetri *
il-jiem kollha ta' ħajjitna f'dar il-Mulej.

Ant. Salvana, Mulej, il-jiem kollha ta' ħajjitna.
Ant. 3 Jistħoqqlu l-Mulej Alla t-tifħir fil-belt imqaddsa tiegħu.
L-Għid: Int ġejt iżżur l-art u mlejtha bil-ferħ, hallelujah.

**Salm 64 (65)**

Tifħir lilek jistħoqq, o Alla, f'Sijon; *
lilek inroddu l-wegħda, int, li tisma' talbna.
Quddiemek jersaq kull bniedem, *
minħabba fi ħtijietu.
Kbar wisq għalina dnubietna; *
iżda inti taħfirhomlna.

Hieni l-bniedem li inti tagħżel *
u tqiegħdu jgħammar fit-tempju tiegħek.
Bil-ġid ta' darek nixbgħu *
fit-tempju mqaddes tiegħek.
Ta' l-għaġeb kif tweġibna bil-ġustizzja tiegħek, *
o Alla tas-salvazzjoni tagħna.
Int tama ta' min jgħix fi truf l-art *
u fi gżejjer fl-ibħra mbiegħda.

Int twaqqaf fis-sod il-muntanji b'qawwietek, *
inti mħażżem bis-saħħa.
Inti ssikket l-għajat ta' l-ibħra, †
u l-ħsejjes ta' l-imwieġ tagħhom, *
u t-tixwix tal-popli.
U jibżgħu dawk li jgħammru fi truf l-art *
quddiem l-għeġubijiet tiegħek.

Iż-żerniq u għib il-jum *
inti timliehom bil-ferħ. –

Inti żżur l-art u ssaqqiha, *
u tagħniha bil-ġid tiegħek.
Il-wied ta' Alla mimli bl-ilma; *
il-qamħ tagħhom ħejjejtilhom.
Hekk int tħejjiha: †
issaqqi r-raddiet u twitti t-tub tagħha, *
bl-irxiex trattabha u tberkilha ż-żrieragħ.

Fawwart is-sema bi tjubitek, *
triqatek bil-ġid joqtru;
joqtru bin-nida l-mergħat tad-deżert, *
u bil-ferħ jitħażżmu l-għoljiet.
Il-mergħat jimtlew bl-imrieħel, †
il-widien jinksew bil-qamħ; *
jgħajtu lkoll u jgħannu bil-ferħ!

Ant. Jistħoqqlu l-Mulej Alla t-tifħir fil-belt imqaddsa tiegħu.

**LEZZJONI QASIRA 1 Tess 5,4-5**

Intom, ħuti, m'intomx hekk fid-dlam biex Jum il-Mulej jeħodkom għal għarrieda bħal ħalliel. Intom ilkoll ulied id-dawl u wlied il-jum; aħna m'aħniex ulied il-lejl, anqas ulied id-dlam.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Isma' leħni, Mulej; * Fi kliemek jien nittama. Isma'.
V. Sa minn qabel is-sebħ jien nitlob l-għajnuna. * Fi kliemek jien nittama.
Glorja. Isma'.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Mulej, salvana minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'

tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Mulej, salvana minn idejn dawk kollha li jobogħduna.

## PREĊI

Is-Salvatur tagħna bil-qawmien tiegħu mill-imwiet ferrex dawl ta' glorja fuq id-dinja kollha. Inberkuh, u bl-umiltà kollha nitolbuh u ngħidulu:
*Mulej, żommna miexja warajk fit-triq tiegħek.*
Mulej, Ġesù, b'dan it-talb tagħna ta' filgħodu nagħtu ġieħ lill-qawmien tiegħek għall-ħajja:
- agħmel li t-tama tal-glorja tiegħek tkun id-dawl ta' ħajjitna f'din il-ġurnata.
Ilqa', Mulej, ix-xewqat u l-fehmiet tajba tagħna:
- noffruhomlok bħala l-bidu ta' kull ma se nagħmlu llum.
Agħtina li f'dan il-jum nimxu 'l quddiem fi mħabbtek:
- għinna fit-tħabrik tagħna biex kollox jisfa' ta' fejda għalina u għall- proxxmu kollu.
Agħmel, Mulej, li d-dawl tagħna jiddi quddiem il-bnedmin:
- biex jaraw l-għemil tajjeb tagħna u jigglorifikaw lill-Missier.

**Missierna**

## Talba

Mulej Ġesù Kristu, inti d-dawl tassew li ddawwal lill-bnedmin kollha biex isalvaw; agħtina l-qawwa biex minn issa nħejjulek dinja li, meta inti tiġi, issib fiha l-paċi u l-ġustizzja. Inti, li int Alla, u tgħix u ssaltan ma' Alla l-Missier flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem.

## GĦELUQ
Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**